



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru36/14

il-Lussemburgu, 18 ta' Marzu 2014

Sentenzi fil-Kawżi C-167/12 C. D. vs S.T.
u C-363/12 Z.vs A Government Department u the Board of Management of a
Community School

Id-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix li omm prospettiva li kellha tarbija permezz ta' ftehim ta' omm surrogata li tibbenefika minn leave tal-maternità jew ekwivalenti

Peress li d-direttiva dwar il-ħaddiema nisa tqal tipprovdi biss ċerti rekwiżiti minimi fil-qasam tal-protezzjoni, l-Istati Membri huma liberi li japplikaw regoli iktar favorevoli għall-benefiċċju tal-ommijiet prospettivi

D., impjegata fi sptar fir-Renju Unit, u Z., għalliema li taħdem fl-Irlanda, it-tnejn li huma rrikorrew għal ommijiet surrogati biex ikollhom tarbija.

D. ikkonkludiet ftehim ta' omm surrogata konformement mad-dritt Brittaniku. It-tarbija tnisslet mill-isperma tas-sieħeb tagħha u mill-bajda ta' mara oħra. Xi ftit xhur wara t-twelid, tribunal Brittaniku, bi kunsens tal-omm surrogata, ta lil D. u lis-sieħeb tagħha l-awtorità parentali permanenti u totali fuq it-tarbija skont il-leġiżlazzjoni Brittanika dwar it-tqala surrogata.

Z. issofri minn marda rara li għandha bħala konsegwenza li, minkejja li l-ovarji tagħha huma b'saħħithom u li hija barra minn hekk fertili, hija ma għandhiex utru u għaldaqstant ma tistax issostni tqala. Ir-raġel tagħha u hija kellhom tarbija permezz ta' ftehim konkluż ma' omm surrogata fil-California. Mill-perspettiva ġenetika, it-tarbija tnisslet mill-koppja u ma jidher ebda riferiment tal-identità tal-omm surrogata fuq iċ-ċertifikat tat-twelid Amerikan tagħha. Skont id-dritt tal-California, Z. u r-raġel tagħha jitqiesu li huma l-ġenituri tat-tarbija.

Iż-żewġ nisa talbu leave mħallas ekwivalenti għal leave tal-maternità jew għal leave tal-adozzjoni. Dawn it-talbiet ġew irrifjutati minħabba li D. u Z. qatt ma kienu tqal, u minħabba li t-trabi ma ġewx adottati mill-ġenituri.

Il-qrati nazzjonali li quddiemhom iż-żewġ ommijiet prospettivi ppreżentaw rikors ifittxu li jsiru jafu jekk tali rifjut imurx kontra d-Direttiva dwar il-ħaddiema nisa tqal¹ jew jekk jikkostitwixxix diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess jew fuq diżabbiltà (dawn id-diskriminazzjonijiet huma pprojbiti rispettivament mid-Direttiva 2006/54/KE² u mid-Direttiva 2000/78/KE³).

Fis-sentenzi tagħha illum, il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb li **d-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix, għall-benefiċċju tal-ommijiet prospettivi, dritt għal leave mħallas ekwivalenti għal leave tal-maternità jew għal leave tal-adozzjoni.**

Fir-rigward tad-Direttiva 92/85/KEE dwar ħaddiema nisa tqal, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-għan ta' din id-direttiva huwa l-promozzjoni tat-titjib tas-sigurtà u tas-saħħa fuq ix-xogħol tal-ħaddiema tqal, li jkunu welldu reċentement jew li jkunu qegħdin iredgħu, peress li dawn il-persuni għandhom jitqiesu li huma grupp ta' riskju speċifiku. F'din id-direttiva, id-dispożizzjoni dwar il-leave

¹ Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed iredgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110).

² Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, p. 23).

³ Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fil-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

tal-maternità tirreferi espressament għall-ħlas, u għandha bħala għan li tipproteġi lill-omm fis-sitwazzjoni speċifika ta' vulnerabbiltà li tirriżulta mit-tqala tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li, filwaqt li l-leave tal-maternità huwa intiż ukoll li jiżgura l-protezzjoni ta' rabtiet partikolari bejn il-mara u t-tarbija tagħha, dan il-għan jikkonċerna madankollu biss il-perijodu wara "t-tqala u l-ħlas". Jirriżulta li **l-għoti ta' leave tal-maternità fuq il-bażi tad-direttiva jippreżumi li l-ħaddiema kkonċernata kienet tqila u welldet it-tarbija. Għaldaqstant, omm prospettiva** li kellha tarbija permezz ta' ftehim ma' omm surrogata **ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva**, inkluż meta hija tkun tista' tredda' din it-tarbija wara t-twelid jew meta tkun qiegħda effettivament tredda' tali tarbija. Konsegwentement, l-Istati Membri ma humiex obbligati, fuq il-bażi tad-direttiva, jawtorizzaw lil tali ħaddiema dritt għal leave tal-maternità.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li, peress li l-imsemmija direttiva għandha bħala għan li tistabbilixxi ċerti rekwiżiti minimi fil-qasam tal-protezzjoni ta' ħaddiema tqal, l-Istati Membri huma liberi li japplikaw regoli iktar favorevoli għall-benefiċċju tal-ommijiet prospettivi.

Fir-rigward tad-Direttiva 2006/54/KE dwar it-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi, il-Qorti tikkonstata li **rifjut li jingħata leave tal-maternità lil omm prospettiva ma jikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess**, għadarba missier prospettiv lanqas ma huwa fid-dritt li jibbenefika minn dan il-leave u li r-rifjut ma jiżvantaġġax partikolarment lill-ħaddiema nisa meta mqabbla mall-ħaddiema rġiel.

Barra minn hekk, **il-fatt li jiġi rrifjutat leave mħallas ekwivalenti għal leave tal-adozzjoni lil omm prospettiva ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva dwar it-trattament ugwali**. Din id-direttiva tħalli lill-Istati Membri liberi jekk jagħtux jew le leave tal-adozzjoni. Hija tipprovdi biss jekk, meta dan il-leave jingħata, il-ħaddiema nisa kkonċernati għandhom jiġu protetti mit-tkeċċija u għandhom id-dritt li jerġgħu lura għall-impjiegi tagħhom jew għal impjeg ekwivalenti.

Fl-aħħar nett, **fir-rigward tad-Direttiva 2000/78/KE** li tipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq diżabbiltà fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma huwiex ikkontestat li l-impossibbiltà għal mara li jkollha t-tarbija tagħha tista' tkun sors ta' tbatija kbira għaliha. Madankollu, **il-kunċett ta' "diżabbiltà"** fis-sens ta' din id-direttiva **jippreżupponi li l-limitazzjoni li tbat minnha l-persuna**, flimkien ma' diversi ostakoli, **tista' tkun ta' xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħha fil-ħajja professjonali** fuq il-bażi tal-ugwaljanza mal-ħaddiema l-oħra.

Issa, **fil-prinċipju, l-inkapaċità ta' persuna li jkollha tarbija b'mezzi konvenzjonali, fiha nnifisha, ma tikkostitwixxi xkiel għall-omm prospettiva li taċċedi għal impjeg**, li teżerċitah jew li tavvanza fih.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-impossibbiltà li jkollha tarbija ma hijiex "diżabbiltà" fis-sens tad-Direttiva 2000/78 tant li li din id-direttiva ma hijiex applikabbli f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qradi tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qradi nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenzi ([C-167/12](#) & [C-363/12](#)) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fiha jingħataw is-sentenzi

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenzi huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106